# Mod Prattiku ta' kif Jaħdem Haddiem Direttur

Reno Borg

Jien se nipprova nqerr xi ftit. Ha nibda l-esperjenza tieghi ta' Haddiem Direttur. Jien inhobb nibbilancja fil-hajja u nara li kien hemm kemm l-aspett negattiv kif ukoll l-aspett pozittiv ta' l-esperjenza fiha nnifisha. Kien hawn, biex naqbad nghid hekk l-ideja zbaljata li biex tkun Haddiem Direttur trid tkun gej minn xi grad fejn tkun tahdem li ma jkunx fi grad ftit il fuq. Mela l-ideja kienet li jekk inti tippartjeni lill-management ma tistax tkun Haddiem-Direttur. Jien dik ma kontx naqbel maghha ghax kulhadd jaf li biex azjenda tirnexxi trid tkun organika u trid tahdem minn fuq ghal isfel u minn isfel ghal fuq. Indipendentament f'liema grad inti qieghed tista taghti kontribut jekk temmen li qieghed tahdem f'katina. U allura wara li hafna kienu avvicinawni biex nohrog ghal Haddiem Direttur hrigt. Kienet elezzjoni li ghaliha kienu kkonkorrew hafna. Pero mill-ewwel rajt hafna beraq ma wicci, ghaliex inzerta li fejn kont nahdem jien kien hemm ic-Chairman li ma kienx jaqbel mal-Haddiem Direttur. Din qala pubblikament u kien jghidha fil-Bord tad-Diretturi. Executive Chairman f'organizzazzjoni normalment jigbed hafna weight mieghu Ghalhekk il-maggoranza mhux se nghid id-diretturi kollha imma l-bicca l-kbira tad-diretturi, daru kontra dal-

kuncett. Allura meta int qieghed f'boardroom tispicca wahdek. Trid tkun determinat biex tahdem, inkella ma tahdimx. Fil-fatt wahda mill affarijiet li kienet iddejaqni hafna kien id-dritt ta' informazzjoni li ghandu jkollu kull direttur u dan kien jigi mfixkel hafna. Per ezempju l-karti tal-Bord tad-Diretturi li kien ikollna fuq l-agenda, ir-related papers, l-accounts l-advances, (advances f'bank huma mportanti hafna - advances kbar jitilghu fil-Bord tad-Diretturi) kienu jaghtuhomna 24 siegha qabel. Trid tarahom f'kamra bil-maghluq. Kien hemm dan in-nuqqas ta' fiducja - jigifieri inti m'intix fdat. Barra minn hekk meta kont Haddiem Direttur jien ghall-kuntrarju li jien jigri qabel, jien ma kellix dritt li noqghod fuq l-Executive Committee tal-Bank. Issa hafna mid-decizjonijiet jittiehdu fuq il-livell ta' Executive Committee. Meta jitilghu hafna affarijiet fil-Bord tad-Diretturi dawn ikunu *fait accompli*. Jien qatt ma hassejt li ghandi nkun *rubber stamp*. Huwa mportanti li l-haddiem diretturi jibda jsir jifhem l-affarijiet, mhux sempliciment imur u jghid 'isma' ghaddejja dil-karta, kulhadd qed jaqbel, mela ha naqbel'. Dik, nahseb jien ma tghinx il-partecipazzjoni tal-haddiema u lanqas taghmel Haddiem Direttur tajjeb. Biex Haddiem Direttur ikun tajjeb irid ikun Direttur tajjeb. Mhux biss ikun haddiem tajjeb u jahdem, ghax ovjament matul il-hinijiet tax-xoghol id-Direttur Haddiem irid jaghmel ix-xoghol tieghu - imma jrid ikun Direttur ukoll tajjeb, jigifieri irid jidhol fl-organizzazzjoni, jara kif tahdem. Ovvjament biex jara kif tahdem sew l-

organizzazzjoni mhux biss jaqra il-kotba u jara t-teorija imma jidhol fil-prattika. Ghax il-Bord tad-Diretturi tkun qed tiehu policies. Dak hu r-role tal-Bord tad-Diretturi - li jippjana l-policies tal-kumpanija. Inti allura trid tahdem b'mod prattiku, b'mod reali. U jien hassejt li l-aktar haga li kienet tghini kienet li nithallat mal-haddiema kollha - mill messaggier, mill-industrials li hemm il-bank, sa t-top management. Nista' nghid li anke mal-general managers kont nitkellem Hafna minnhom kienu jkellmuni bil-habi u bil-biza, imma kien b'xi mod jirnexxieli nitkellem ma' kullhadd.

U nista' nghid li fil-Bord tad-Diretturi kont inwassal hafna suggerimenti li jghadduli l-haddiema stess. Ghax jien nemmen li wiehed mir-rowls l-aktar importanti ta' Haddiem Direttur hu illi jservi ta pont bejn il-haddiema u l-Bord tad-Diretturi. U ma jwassalx biss l-ilmenti. Anzi jien nghid li m'ghandux iwassal ilmenti l-Haddiem Direttur - dak huwa x-xoghol tax-shop steward, ix-xoghol tas-segretarju tal-Union. Imma l-haddiem Direttur ghandu jiehu sehem fil-policy tal-kumpanija u jwassal suggerimenti li jaffettwaw dik il-policy u kif tahdem il-kumpanija. U jien nista' nghid li s-suggerimenti li ghamluli spiccaw biex gew accettati u attwati.

Mil-lat negattiv kien - biex nghid hekk - il konfrontazzjoni. Tant li gie li l-haddiema kellna niltaqghu barra t-triq ghax kienu jaghlqu l-post tax-xoghol

biex zgur ma nkunx nista' nitkellem mal-haddiema. Dik inhossha li kienet haga negattiva.

Pero mil-lat pozittiv hemm hafna x'wiehed jiehu - anke fuq livell personali. Titghallem hafna dwar l-organizzazzjoni. Jien kont involut fuq haga wahda - l-aspett legali. Pero mbaghad, bla ma trid, issir tifhem fl-operations. Apparti dik nara l-lat pozittiv ukoll illi l-Haddiem Direttur, jekk jahdem sew, jirnexxielu jghaqqad il-haddiema. F'pajjiz li jkollna certu polarizzazzjoni ghall-bidu mhux kulhadd jaccettak. Pero maz-zmien tibda tigi accettat kwazi minn kulhadd. Tant li fit-tieni, fit-tielet, jekk mhux ukoll fir-raba elezzjoni, lanqas kont gejt kontestat fil-bank. Ikun hemm min ma jaqbilx mieghek u jkun hemm min, ghall-bidu, jkollu cert dubji, certu riservi. Imma mbaghad meta inti tibda taghti *feedback* mill-boardroom, jigifieri li lill-haddiema wkoll turihom f'hiex qieghda l-kumpanija dawn id-dubji jibdew jonqsu.

Il-Haddiem Direttur ihoss li xorta jibqa marbut bhad-diretturi l-ohra li certi affarijiet li jkunu ta' natura kummercjali u li ma jaghmilx sens li tmur ixxandarhom u m'ghandux jaghmilhom. Avolja tkun elett mill-haddiema. Avolja tkun *accountable* sa certu punt lejn il-haddiema. F'certu affarijiet ma jridx jinsa li hu wkoll direttur. Il-pozizzjoni mhix facli. Il-pozizzjoni hi

wahda difficli - meta toqghod tahseb fuqha. Ghax ghandek lealta lejn il-haddiema li jelegguk u min-naha l-ohra jrid ikollok il-lealta lejn il-bord tad-diretturi u lejn il-kumpanija.

U hemmhekk nahseb li jrid jidhol sens qawwi ta bilanc. Wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn affarijiet li huma ta natura kummercjali. Ma jsirx gid billi dan joqghod iperricchom barra. Pero imbghad hemm affarijiet ohra li jkunu jinteressaw hafna lill haddiema - affarijiet li lill haddiema jolqothom indirettament. Hawnhekk il-haddiem direttur nahseb li jaghmel sew illi jitkellem mal-Union. Jigifieri jekk ikunu ser isiru xi affarijiet illi jistghu jipperekolaw l-impjiegi nahseb hemmhekk il-haddiem direttur ghandu jkollu d-dritt jitkellem fuq affarijiet daqstant intimi u li jolqtu il-haddiem mill-qrib. Jien nahseb li l-ahjar haga hi li jitkellem fil-Bord tad-Diretturi u jipprova jgib qbil minn qabel illi fuq certi affarijiet specifici jista jitkellem. Ma tridx tinqata l-holqa mal-haddiema u jien nahseb li il-haddiem direttur ghandu jkollu l-facilitajiet biex jiltaqa mal-haddiema. Fil-fatt diretturi haddiema li kienu hemm qabli fil-Bank of Valletta kien ikollhom l-opportunita jduru il- branches biex jitkellmu mal-haddiema u b' hekk kellhom kuntatt mal-haddiema. Jien nahseb li jkollok elfejn jew elf u hames mitt mohh ahjar minn sebghat t'imhuh biss li jkunu fil-Bord tad-Diretturi. Minn dik il-massa ta' mhuh xi haga tajba ser tohrog zgur. Jien

nahseb fuq hawn ghandu jkun ippremjat il-kuncett ta haddiem direttur jew direttur haddiem. Din mhix xi haga ta xi fidi specjali bbazata fuq xi idejologija pura imma jiena nahseb illi hija xi haga prattika illi tghin kemm lil-haddiema kif ukoll tghin lill-azjenda. Il-haddiem ladarba ttih il-fiducja tieghek kapaci jikkontribwixxi. Nahseb jien il-feedback ikun qawwi u l-haddiem jaghmel hiltu biex jara li l-azjenda sejra il-quddiem. L-aktar sahha li jkollu il-haddiem mhux kemm jghajjat u jiggieled imma l-akbar sahha tal-haddiem hi kemm hi b'sahhita l-azjenda li jkun jahdem fiha.